## Il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 2020

Il-Fariżej, meta semgħu kif Ġesù
lis-Sadduċej kien saddilhom
ħalqhom, inġabru madwaru,
u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi,
għamillu din il-mistoqsija
biex iġarrbu: "Mgħallem, liema hu
l-kmandament il-kbir, fil-Liġi?"
Qallu Ġesù:
"'Ħobb lill-Mulej,
Alla tiegħek, b'qalbek kollha,
b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu'.
Dan hu l-kmandament il-kbir
u l-ewwel wieħed.
U it-tieni jixbhu:
'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'.
Dawn iż-żewġ kmandamenti huma
l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 22, versi 34-40***

# 243

"L-imħabba mhix sempliċement sensiela ta' azzjonijiet ta' ġid lejn xi ħadd. Dawn huma frott ta' għaqda li tmil dejjem lejn il-persuna l-oħra waqt li tqisha prezzjuża, jixirqilha, ta' min japprezzaha u sabiħa, lil hemm mill-apparenzi fiżiċi jew morali. L-imħabba għall-persuna l-oħra għal dak li hi tħeġġiġna nfittxu l-aħjar għaliha. Li nġibu 'l quddiem dal-mod ta' kif nagħmluha ma' xulxin, dan biss jagħmel possibbli l-ħbiberija soċjali li ma tħalli lil ħadd barra u l-fraternità miftuħa għal kulħadd."

PAPA FRANĠISKU,
Enċiklika, *Fratelli Tutti,* nru 94, 3 Ottubru 2020

*Nista' niddeskrivi*
*lili nnifsi*
*bħala xi ħadd*
*li jħobb tassew?*

*L-imħabba*
*minn fejn*
*qed*
*nitgħallimha?*

# Li tgħix għall-imħabba

Id-dixxiplu tiegħek, Mulej,
sejħa waħda għandu:
li jgħix għall-imħabba,
u għall-imħabba kif tgħallimhielu Inti.
Għalhekk nitolbok:
isqini mħabbtek
biex ngħix fl-imħabba
u għall-imħabba;
isqini mħabbtek
biex inkun nista' nħobb lil Alla l-Missier
kif tħobbu Int;
isqini mħabbtek
biex inkun nista' nħobb lill-oħrajn
kif tħobbhom Int;
isqini mħabbtek
biex din tkun il-kollox ta' ħajti.

## It-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2020

Il-kap ta' wieħed mis-sinagogi, b'saħna fuqu għax Ġesù kien fejjaq lill-mara li kienet ilha tmintax-il sena bi spirtu li kien imarradha f'jum is-Sibt, lin-nies qalilhom: "Hemm sitt ijiem li fihom wieħed għandu jaħdem; mela fihom ejjew biex titfejjqu, u mhux is-Sibt!" "Uċuħ b'oħra!" wieġbu l-Mulej, "Mhux kull wieħed minnkom f'jum is-Sibt iħoll il-barri jew il-ħmar tiegħu mill-maxtura u jieħdu biex jisqih? U mela għax illum is-Sibt, din il-mara, bint Abraham, ma kellhiex tinħall mill-irbit li fih ix-Xitan ilu jżommha għal tmintax-il sena sħaħ?"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 13, versi 14-16***



"Qalb ir-ruxxmata ta' preċetti u liġijiet, Ġesù jiftħilna triq fejn nstgħu nagħrfu żewġt uċuħ, dak tal-Missier u dak ta' ħuna. Ma jagħtiniex żewġ formuli jew żewġ preċetti oħra. Jagħtina żewġt uċuħ, jew aħjar, wieħed biss, dak ta' Alla li jilma f'ħafna oħrajn. Għax f'kull wieħed minn ħutna, speċjalment f'dak l-iżjed ċkejken, dgħajjef, bla ħadd min jaqbeż għalih u fil-bżonn, hemm preżenti l-istess xbieha ta' Alla."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika, *Gaudete et Exsultate,*
nru 61, 19 Marzu 2018

*Il-wiċċ*
*ta' min hu*
*fil-bżonn*
*x'post għandu*
*f'ħajti?*

*Hemm xi ħaġa*
*li nħalliha*
*tiġi qablu?*

# Wiċċ wieħed

Min jimxi warajk, Mulej,
mhux wara liġi tistiednu jiġri
imma wara wiċċ;
mhux fil-liġi tgħidlu biex iqalleb,
imma f'tant uċuħ miksijin bit-tbatija,
uċuħ li ma tgħoddhomx kif ġieb u laħaq
imma li Inti
Ikoll kemm huma
tiġborhom fil-wiċċ wieħed tiegħek.
Tħallinix
bi skuża jew b'oħra
inkun indifferenti
lejn dawn l-uċuħ
li ma jirriflettux ħlief ix-xbieha tiegħek,
il-presenza tiegħek,
il-wiċċ tiegħek.

## It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020

Wara li Ġesù
qal lin-nies
il-parabbola taż-żerriegħa
tal-mustarda
qalilhom ukoll:
"Ma' xiex
se nxebbaħha
s-Saltna ta' Alla?
Tixbaħ
lil ftit ħmira
li waħda mara
qabdet
u ħalltet
ma' tliet sigħan dqiq
sakemm
għoliet
l-għaġna kollha."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 13, versi 20-21***



"Il-ħmira,
il-qawwa tagħha tinsab
ġewwa fiha ...
Ġo fina u fil-ħolqien
- għax it-tnejn li aħna
qegħdin nersqu flimkien
lejn il-glorja -
hemm qawwa lesta biex tiżbroffa:
hemm l-Ispirtu s-Santu ...
Imma kif il-mara taqbad il-ħmira
u tħallatha mad-dqiq,
hekk ukoll
il-qawwa li hemm ġo fina
rridu naqbduha
u nħalltuha mal-ħajja."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 31 Ottubru 2017

*Il-qawwa ta' Alla fija nżommha msakkra?*

*Nippermettilha tinfiltra lil ħajti u lill-ħajja tal-oħrajn?*

# Lesta biex tiżbroffa

Il-qawwa li Inti tinvesti fina, Mulej,
hija qawwa speċjali
għax hija l-Ispirtu s-Santu nnifsu.
Hija qawwa li tridha toħroġ tiltaqa'
ma' dak kollu li nsibu ruħna fih
fil-ħajja tagħna
biex tagħtih dimensjoni ġdida;
hija qawwa li tridha titħallat
mat-tħassib tagħna,
mal-uġigħ tagħna,
mal-iżbalji tagħna,
mal-ferħ tagħna,
mat-tajjeb tagħna,
mal-aspirazzjonijiet tagħna.
Ħa tkun din il-qawwa
li tagħmel il-mirakli f'ħajjitna!

## L-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2020

Kien hemm wieħed li lil Ġesù staqsieh: "Mulej, jaqaw ftit huma dawk li jsalvaw?" U hu weġibhom: "Tħabtu biex tidħlu mill-bieb id-dejjaq, għax kif ngħidilkom jien, ħafna għad ifittxu li jidħlu u ma jirnexxilhomx. Għax meta sid id-dar ikun qam jagħlaq il-bieb, intom tibqgħu barra, u tibdew tħabbtu l-bieb u tgħidu: 'Mulej, iftħilna!' Iżda hu jweġibkom u jgħid: 'Ma nafx mnejn intom.' Imbagħad tgħidulu: 'Kilna u xrobna miegħek aħna, u int għallimt fil-pjazez tagħna.' Hu jwieġeb u jgħidilkom: 'Ma nafx mnejn intom; morru minn quddiemi, intom ilkoll li tagħmlu dak li mhux sewwa!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 13, versi 23-27***

**246**

"In-nies jippruvaw juru min huma, u lil sid id-dar ifakkruh li kienu kielu u xorbu miegħu; li semgħu t-tagħlim tiegħu: 'Isma' jien kont hemm meta inti għamilt dik il-konferenza.' Iżda l-Mulej itenni li ma jafhomx u jsejħilhom 'operaturi tal-inġustizzja'. Il-Mulej mhux se jagħrafna mill-kwalifiki tagħna. Inutli ngħidulu: 'Imma, ara, Mulej, jien kont membru f'dik l-għaqda, kont ħabib tat-tali saċerdot, monsinjur, kardinal.' Le, it-titli ma jiswewx! Il-Mulej jagħrafna mill-istil umli ta' ħajjitna, mill-ħajja tajba, mill-ħajja tal-fidi li tissarraf fl-opri."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 25 Awwissu 2019

# Biex ikun jaf mnejn aħna

*Minn xiex jagħrafni Alla bil-ħajja li qed ngħix?*

*Minn xiex ma jagħrafnix?*

Inti, Mulej, meta tiġi biex tiġġudikana,
mhux se tara kemm ngħaddu sigħat nitolbu,
imma kemm dak li niskopru waqt it-talb
insarrfuh fl-istil li bih ngħixu ħajjitna;
mhux kemm nagħmluha miegħek,
imma kemm inħalluk tinfiltra r-realtajiet tagħna;
mhux kemm nieħdu sehem
f'ċelebrazzjonijiet reliġjużi
- ukoll jekk organizzati bil-kbir -
imma kemm nippermettulhom
joħolqu ċelebrazzjoni fil-qalb tagħna;
mhux kemm għandna
qassisin u patrijiet u sorijiet jiġu minna,
imma kemm is-sagru li dawn jirrappreżentaw
inħalluh jinfiltra kull roqgħa ta' ħajjitna.
Eħlisna milli nqarrqu bina nfusna.

## Il-Ħamis, 29 ta’ Ottubru 2020

Ġesù qal:
“Ġerusalemm! Ġerusalemm!
Int li toqtol il-profeti
u tħaġġar
il-messaġġiera li jibgħatlek Alla;
kemm ridt niġbor lil uliedek
bħalma l-qroqqa
tiġbor il-flieles tagħha
taħt ġwenħajha,
u int ma ridtx!
Ara,
darkom għad iħalluhielkom ħerba!
U ngħidilkom,
li m’intomx se terġgħu tarawni
sa dakinhar li tgħidu:
‘Imbierek min ġej
f’isem il-Mulej!’”

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 13, versi 34-35***



“Il-bikja li Ġesù jagħmel fuq Ġerusalemm tgħinna nifhmu xi ħaġa mill-imħabba mimlija tenerezza ta’ Alla li ma jridx ħlief jiġbor lil uliedu ‘bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles tagħha’ ... F’dan id-dmugħ hemm l-impotenza ta’ Alla: in-nuqqas ta’ ħila li għandu li ma jħobbx, li jinqata’ minn magħna ... Alla jibki għalija meta nitbiegħed minnu. Alla jibki għalina lkoll: għall-ħżiena li jagħmlu tant ħwejjeġ koroh, tant ħsara lill-umanità. Alla jistenna, ma jikkundannax, jibki; għax iħobb.”

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 29 Ottubru 2015

*Ħajti ngħixha*
*bil-ħila tiegħi*
*waħidha?*

*X'riferenza*
*għandha*
*għal Alla?*

# Li ttir fil-għoli

Aħna maħluqin
biex intiru fil-għoli, Mulej,
u Inti tagħtina d-direzzjoni tiegħek
ta' kif sejħa bħal din
naslu ngħixuha fil-milja tagħha;
u dan
bil-kenn li tipprovdilna Inti,
bit-tħaddin li toffrilna Inti,
bit-tenerezza li Inti għandek għalina.
Għalhekk, Mulej,
agħmel li aħna ma nkunux għalik
ta' dispjaċir
għax nagħżlu li ntiru fil-għoli
mingħajrek,
maqtugħin minnek,
bla riferenza għalik.

## Il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru 2020

Darba, kien is-Sibt,
Ġesù daħal għand wieħed
mill-kapijiet tal-Fariżej biex jiekol
għandu, u huma qagħdu
għajnejhom fih. U resaq quddiemu
wieħed marid bl-ilma. Ġesù
qabad jistaqsi lill-għorrief tal-Liġi
u lill-Fariżej; qalilhom: "Jiswa jew le
li wieħed ifejjaq f'jum is-Sibt?"
Huma ma tkellmu xejn iżda hu
qabad lir-raġel, fejqu u bagħtu.
Imbagħad qalilhom:
"Min minnkom se jaqagħlu ibnu
jew barri f'ġiebja u għax ikun
is-Sibt ma jmurx malajr itellgħu
minn hemm?" U ma kellhomx
il-ħila jwiġbuh għal dan.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 14, versi 1-6***

**248**

"Teżisti l-marda tal-ebusija mentali u spiritwali: ta' dawk li għandhom qalb tal-ġebel u huma ta' rashom iebsa; ta' dawk li, huma u mexjin, jitilfu s-serenità interjuri, il-vivaċità u l-kuraġġ, u jinħbew wara l-karti - dawn ma jkunux nies ta' Alla. Hu periklu li nitilfu s-sensibbiltà umana li għandna bżonn biex nistgħu nibku ma' min jibki u nifirħu ma' min jifraħ! Hija l-marda ta' dawk li jitilfu s-sentimenti ta' Ġesù għax qalbhom issir iebsa u ma tibqax kapaċi tħobb bla kundizzjonijiet lill-Missier u lill-proxxmu."

PAPA FRANĠISKU,
*Diskors*, Kurja Rumana, 22 Diċembru 2014

*X'inhu li jiswa għalija?*

*Dak li jiswa għalija huwa dak li jiswa quddiem Alla?*

# Dak li jiswa

Jiswa, Mulej,
li aħna nħobbu
bla kundizzjonijiet;
ma jiswiex
li aħna nħobbu mhux mingħajr kundizzjonijiet.
Jiswa
li nagħmlu l-ġid dejjem;
ma jiswiex
li aħna nagħmlu l-ġid bl-iskossi.
Jiswa
li aħna ninfetħu għall-ħtiġijiet tal-oħrajn,
ikunu min ikunu;
ma jiswiex
li aħna nagħżlu lil min naqdu.
Agħtina qalb tal-laħam,
Mulej.

## Is-Sibt, 31 ta' Ottubru 2020

Meta Ġesù daħal għand wieħed mill-kapijiet tal-fariżej biex jiekol għandu, u ra b'għajnejh kif il-mistednin bdew jagħżlu l-postijiet ta' quddiem fil-mejda, qalilhom din il-parabbola: "Meta wieħed jistiednek għal xi festa ta' tieġ, tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem ... Għall-kuntrarju, meta tkun mistieden, mur inxteħet fil-post tal-aħħar, biex meta jiġi dak li stiednek jgħidlek: 'Ħabib, itla f'post aktar 'il fuq'. U dan ikun ta' ġieħ għalik quddiem dawk kollha li jkunu fil-mejda miegħek. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 14, versi 1. 7-8a. 10-11***

# 249

"Kliem Ġesù juri ċar atteġġjamenti
differenti għal kollox minn xulxin
u opposti għal xulxin:
l-atteġġjament
ta' min jagħżel postu hu
u l-atteġġjament
ta' min iħalli lil Alla jagħtih il-post;
u l-ħlas jistennieh mingħandu.
Alla jħallas ħafna aktar
mill-bnedmin!
Hu jagħtina post ferm isbaħ
minn dak li jagħtuna l-bnedmin!
Alla jagħtina post qrib qalbu,
u l-ħlas tiegħu
hu l-ħajja ta' dejjem."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 28 Awwissu 2016

# Post qrib il-qalb

*Jien*
*dejjem niżgura*
*li kulħadd*
*ikun jaf*
*li neżisti?*

*Xi tkun*
*ir-reazzjoni*
*tiegħi*
*meta nħoss*
*li qabżuni?*

Mulej,
l-attenzjoni fuqna
nħobbuha
lkoll kemm aħna,
ibda minni l-ewwel wieħed!
Imma x'inhu l-post
li jistgħu jagħtuna l-bnedmin
ħdejn il-post li tagħtina Inti,
dak li bih inkunu qrib il-qalb tiegħek?
X'inhi l-importanza
li jistgħu jagħtuna l-bnedmin
ħdejn l-importanza li tagħtina Inti,
dik li biha ġġorrna fil-qalb tiegħek?
Agħmel li l-affarijiet
ikollna l-grazzja li nħarsu lejhom
kif Inti tħares lejhom.